

- 2) L-imsemmija direttiva tipprekludi leġislazzjoni nazzjonali li tippermetti lill-Amministrazzjoni Pubblika timponi, b'awtorità, tali rekwiżit, anke mingħajr ma tevalwa l-kundizzjonijiet partikolari, l-ispejjeż ta' implementazzjoni fir-rigward tal-benefiċċji raġjonevolament prevedibbli, id-danni kollaterali possibbli jew probabbli u l-effetti fuq is-saħħa u s-sigurtà pubblika, u ż-żmien neċessarju għall-implementazzjoni?
- 3) Fir-rigward tas-sitwazzjoni speċifika li teżisti fis-Sit ta' Interess Nazzjonali ta' Prioli, l-imsemmija direttiva tipprekludi leġislazzjoni nazzjonali li tippermetti lill-Amministrazzjoni Pubblika timponi, b'awtorità, tali rekwiżit, ta' kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-użu leġittimu taż-żoni li ma jirrigwardawx direttament ir-rijabilitazzjoni, li huma diġà rijabilitati, jew mhux imniġġża, inklużi dawk fil-perimetru tas-Sit ta' Interess Nazzjonali ta' Prioli?

(¹) ĠU L 143, p. 56.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per la Sicilia (l-Italja) fil-21 ta' Awissu 2008 — ENI SpA vs Ministero Ambiente e tutela del territorio e del mare e altri

(Kawża C-380/08)

(2008/C 301/28)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale Amministrativo Regionale per la Sicilia.

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: ENI SpA.

Konvenuta: Ministero Ambiente e Tutela del Territorio e del Mare e altri.

Domandi preliminari

- 1) Id-Direttiva Komunitarja 2004/35/KE (¹) dwar il-kumpens tad-dannu ambjentali, u, f'din il-kawża, l-Artikolu 7 u l-Anness II tagħha, tipprekludi leġislazzjoni nazzjonali li tagħti lill-amministrazzjoni pubblika s-setgħa li timponi, bħala "metodi raġjonevoli ta' rimedju ta' dannu ambjentali", interventi fuq xogħlijiet għall-ambjent (f'dan il-każ, "barriera fiżika" għall-ilma ta' taħt l-art tul xatt-il baħar kollu) li huma differenti u addizzjonali għal dawk magħżula qabel l-eżitu ta' diskussjonijiet preliminari speċjali mal-partijiet, li diġà ġew approvati, implementati u li qegħdin jitwettqu?;
- 2) Din id-direttiva tipprekludi leġislazzjoni nazzjonali li tagħti s-setgħa lill-amministrazzjoni pubblika li timponi, *ex officio*,

dawn ir-rekwiżiti, jiġifieri mingħajr ma tkun evalwat il-kundizzjonijiet speċifiċi tas-sit, l-ispejjeż ta' implementazzjoni mqabbla mal-benefiċċji prevedibbli b'mod raġjonevoli, id-danni kollaterali eventwali jew probabbli u l-effetti negativi fuq is-saħħa u s-sigurtà pubblika, kif ukoll iż-żmien meħtieġ sabiex jitwettaq ix-xogħol?

- 3) Fid-dawl tas-sitwazzjoni speċifika tas-sitwazzjoni tas-sit ta' interess nazzjonali ta' Priolo, l-istess direttiva tipprekludi leġislazzjoni nazzjonali li tagħti s-setgħa lill-amministrazzjoni pubblika li timponi *ex officio* dawn ir-rekwiżiti bħala kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-użu leġittimu ta' żoni li mhumiex direttament relatati mal-bonifika, peress li diġà ġew bonifikati jew għall-inqas mhux imniġġsa, inklużi fil-limiti tas-sit ta' interess nazzjonali ta' Priolo?

(¹) ĠU L 143, 2004, p. 56.

Talba għal deċiżjoni preliminari magħmula mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fit-22 ta' Awwissu 2008 — Car Trim GmbH vs KeySafety Systems SRL

(Kawża C-381/08)

(2008/C 301/29)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Car Trim GmbH

Konvenuta: KeySafety Systems SRL

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, dwar ġurisdiżjoni u rikonossiment u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (¹), għandu jiġi interpretat fis-sens li kuntratti dwar kunsinnja ta' oġġetti li jridu jiġu ffabrikati jew prodotti għandhiex tiġi kkwalfikata bħala bejgħ ta' oġġetti (l-ewwel inċiż) u mhux ta' provvista ta' servizzi (it-tieni inċiż), anki meta x-xerrej fformula ċerti rikjesti dwar ix-xiri, it-trasformazzjoni u l-kunsinnja ta' dawn l-oġġetti, b'mod partikolari fir-rigward tal-garanzija tal-kwalità tal-iffabbrikar, l-affidabbiltà tal-kunsinnja u tmexxija amministrattiva tajba tal-ordni? Liema huma l-kriterji determinanti sabiex issir distinzjoni?